

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas – il-Litwanja) – Nickel & Goeldner Spedition GmbH vs “Kintra” UAB**

(Kawża C-157/13) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Regolament (KE) Nru 1346/2000 — Artikolu 3(1) — Kunċett ta' “proċedimenti ta' falliment u li huma marbuta mill-qrib ma' proċedimenti bħal dawn” — Regolament (KE) Nru 44/2001 — Artikolu 1(2)(b) — Kunċett ta' “falliment” — Azzjoni għall-ħlas ta' kreditu mibdija mil-istralċjarju — Kreditu li jirriżulta minn trasport internazzjonali ta' merkanzija — Relazzjonijiet bejn ir-Regolament Nru 1346/2000 u r-Regolament Nru 44/2001 u l-Konvenzjoni dwar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq (CMR))*

(2014/C 395/13)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos Aukščiausiasis Teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Nickel & Goeldner Spedition GmbH

Konvenuta: “Kintra” UAB

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' fil-kunċett ta' “materji ċivili u kummerċjali”, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-azzjoni għall-ħlas ta' kreditu bbażata fuq il-provvista ta' servizzi ta' trasport, eżerċitata mil-istralċjarju ta' impriża fi stralċ, imsemmija fil-kuntest ta' proċeduri ta' insolvenza miftuħa fi Stat Membru, u diretta kontra l-benefiċjarju ta' dawn is-servizzi, stabbilita fi Stat Membru ieħor.
- 2) L-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'każ li l-kawża taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni kemm ta' dan ir-regolament kif ukoll f'dak tal-Konvenzjoni dwar il-kuntratt ta' trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq, iffirmata f'Genève fid-19 ta' Mejju 1956, kif emendata mill-Protokoll iffirmat f'Genève fil-5 ta' Lulju 1978, Stat Membru jista', skont l-Artikolu 71(1) tal-imsemmi regolament, japplika r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni previsti fl-Artikolu 31(1) ta' din il-konvenzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 156, 01.06.2013.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-4 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vrhovno sodišče Republike Slovenije – is-Slovenja) – Damijan Vnuk vs Zavarovalnica Triglav d.d.**

(Kawża C-162/13) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Assigurazzjoni obligatorja għar-responsabbiltà ċivili tal-vetturi bil-mutur — Direttiva 72/166/KEE — Artikolu 3(1) — Kunċett ta' “użu ta' vetturi” — Incident ikkawżat fil-bitħa ta' razzett minn trattur li kien qed jirmonka trejler)*

(2014/C 395/14)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

**Qorti tar-rinviju**

Vrhovno sodišče Republike Slovenije